MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 345/2014

**Paul Falzon (ID 143460M) bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Miranda Fabian Gerard (Passaport numru H7096610), u Arnold Ponce Payas (Passaport numru EB0151768), Danilo Malayan Veltran (Passaport numru EB6757556), Archie Barlizo Adorable (Passaport numru EB5913728), Anantha Paleswara Behera (Passaport numru H7632612), Emmanuel Bajado Regalado (Passaport numru EB3400757), John Ventura Binas (Passaport numru EB7426721), Antonio Jr. G. Esporlas (Passaport numru EB7017214), Ernesto Jr. A Daludado (Passaport numru XX1770588), Conrado M. De Los Reyes (Passaport numru EB2263463), Antonio Roldan Dacua (Passaport numru XX4225568), Kernel Parada Pascual (Passaport numru EB5499499), Nire Valmera (Passaport numruEB6854325), Ronaldo Camara Aloc (Passaport numru EB4696534), Roman M. Cristobal (Passaport numru XX3872568), Franco Ranin Gudez (Passaport numru EB0597267), Illuminado S. Deiparine (Passaport numru EB6340147), Octavio Arjona Atok (Passaport numru EB7377012), Roel Panesa (Passaport numru EB0791337), Mark John P. Bayot (Passaport numru EB3055683), Jonathan M. Francisco (Passaport numru XX2908337), u Gil Almonte Sales (Passaport numru EB0930933)**

**vs**

**Il-bastiment B LADYBUG (IMO 9445394)**

Rikors ġuramentat prezentat fl-24 ta’ April 2014 l-attur nomine ppremetta:

1. *Illi r-rikorrenti rendew servizz bħala kaptan, uffiċjali u membri tal-ekwipaġġ fuq il-bastiment intimat li jġib l-isem 'B Ladybug' bin-numru tal-IMO 9445394, għandu tunnellaġġ gross ta' 72,408 tunnelletta, jtajjar il-bandiera tal-Panama u huwa proprjeta' tas-soċjeta' estera B Ladybug Corporation rregistrata ġewwa Panama;*

2. *Illi il-bastiment intimat preżentament jinsab fl-ibħra territorjali ta' Malta u dan stante li r-rikorrenti talbu u ottjenew il-ħruġ ta' mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar bin-numru 1476/2013 fl-ismijiet "Paul Falzon nomine vs Il-bastiment B Ladybug (IMO 9445394)", bil-għan li jassiguraw li l-bastiment jibqa' fil-ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u għalhekk jkunu jistgħu jipproċedu b'din l-istanza in rem kontra l-istess bastiment intimat;*

3. *Illi r-rikorrenti huma kredituri tal-bastiment intimat fis-somma ta' USD 58,509.15 (tmienja u ħamsin elf, ħames mija u disa' dollari amerikani u ħmistax-il ċenteżmu) ekwivalenti bir-rata tal-kambju ta' llum għal circa EUR 43,152.09 (tlieta u erbgħin elf, mija u tnejn u ħamsin ewro u disa' ċenteżmi) rappreżentanti f'pagi, salarji, termination bonuses u travel allowances dovuti fil-perjodu tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu 2014 u s-sbatax (17) ta' April 2014 ai termini tal-kuntratti ta' impjieg tar-rikorrenti u l-collective bargaining agreements applikabbli għall-istess impjieg tar-rikorrenti abbord il-bastiment intimat skond l-anness prospett immarkat Dok. A u s-somma ta' EUR 1,919 (elf, disa' mija u dsatax-il ewro) in kwantu l-ammont ta' EUR 1,585 (elf, ħames mija u ħamsa u tmenin ewro) rappreżentanti spejjeż inkorsi mir-rikorrenti għal vista medika minn tabib lokali fuq il-bastiment intimat skond l-annessi fatturi mmarkati Dok. B u in kwantu l-ammont ta' EUR 334 (tlett mija, erbgħa u tletin ewro) rappreżentanti spejjeż inkorsi mir-rikorrenti għal*

*provviżjoni tas-servizz ta' komunikazzjoni ta' telefonija mobbli u internet fuq il-bastiment intimat skond l-annessi fatturi mmarkati Dok. Ċ;*

4. *Illi l-bastiment intimat u s-sidien tiegħu baqgħu inadempjenti nonostante l-interpellazzjonijiet varji da parti tar-rikorrenti sabiex jitħallsu l-ammonti dovuti, saħansitra dan wara li l-istess rikorrenti ottjenew żewġ deċiżjonijiet minn din l-Onorabbli Qorti għaf-favur tagħhom fir-rigward ta' ħlas ta' pagi, salarji u ammonti oħra dovuti għal perjodu preċedenti it-28 ta' Marzu 2014, liema deċiżjonijiet huma rispettivament datati 30 ta' Ottubru 2013 u 11 ta' April 2014 (kopji tad-deċiżjonijiet surreferiti hawn annessi u mmarkati Dok D u Dok E);*

5. *Illi l-imsemmi kreditu tar-rikorrenti huwa ċert, likwidu u li għalaq u, sa fejn jafu r-rikorrenti, il-bastiment intimat m'għandu l-ebda difiża valida opponibbli f'din il-kawża kontra t-talbiet tagħhom għall-ħlas ta' dan l-ammont, kif jidher mill-affidavit ta' Paul Falzon rappreżentant lokali tal-International Transport Workers' Federation hawn anness u mmarkat bħala Dok. PF1;*

6. *Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, jgħid il-bastiment intimat għaliex għar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista' tkun neċessarja:*

1. *Tiddeċiedi t-talba bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur fl-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u*

2. *Tikkundanna minnufih, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, lil-bastiment intimat jħallas lill rikorrent nomine s-sommom ta' USD 58,509.15 (tmienja u ħamsin elf, ħames mija u disa' dollari amerikani u ħmistax-il ċenteżmu) u EUR 1,919 (elf, disa' mija u dsatax-il ewro) fuq imsemmija, dovuta mill-bastiment intimat lir-rikorrent nomine għar-raġunijiet premessi.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-bastiment intimat li hu min issa nġunt għas-subizzjoni.*

Milli atti jirrizulta li l-konvenut gie notifikat izda fis-seduta tal-lum hadd ma deher ghalih.

Rat l-affidavit ta' Paul Falzon kif ukoll id-dokumenti prezentati mar-rikors guramentat.

Rat l-Artikolu 170 tal-Kap. 12.

**Fid-dawl ta' dak li jirrizulta u billi ma saret l-ebda opposizzjoni u l-konvenut baqa', tilqa' t-talbiet u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur nomine s-somma ta' tlieta u erbghin elf u mija u tnejn u hamsin ewro u disa' centezmi (€43,152.09) ekwivalenti ghal USD 58,509.15 (tmienja u ħamsin elf, ħames mija u disa' dollari amerikani u ħmistax-il ċenteżmu), flimkien ma' €1,919 (elf, disa' mija u dsatax-il ewro), bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat u bl-ispejjez kontra l-konvenut**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------